**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' April 2023**

**Rikors nru : 92/2022 AGV**

**M N**

**vs**

**EN**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-RIKORS** ta' MN datat 2 ta' Marzu 2023:

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament tagħha tikkonferma ILLI:**

1. Il-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju, 2016 u minn dan iz-zwieg kellhom żewġt itfal – KN li twieldet nhar il-15 ta' Novembru, 2014 u KN li twieled nhar is-16 ta' Jannar, 2016.

2. Il-partijiet ilhom jgħixu b'mod separati minn xulxin għal diversi xhur u wara ordni tal-Qorti l-partijiet bdew jgħixu fiżikament b'mod separat.

3. Il-partijiet jaħdmu b'dana illi ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament.

4. Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taż-żewġ partijiet u konsegwentement fl-aħjar interess tal-ulied għaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta' bejniethom. Minkejja illi llum il-partijiet jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozjonalment, il-waqfien tal-komunjoni ser iġib il-benefiċċju li l-partijiet jkunu jistgħu jaġixxu f'atti ċivili mingħajr il-kunsens ta' xulxin.

5. Għalhekk il-konvenut mhux sejjer issofri xi preġudizzju, u ċertament mhux ser issofri minn xi preġudizzju sproporzjonat f' każ illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

6. Ma hemmx raġuni 'l għaliex il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti għandha tibqa' fis-seħħ.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-parti u dan skont l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna illi s-sentenza hekk mgħotija tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan a dispożizzjoni tal-artikolu 55(5) tal-istess Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara illi l-reġim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

U dan taht dawk il-provedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.

**Rat ir-risposta ta' E N datata 27 ta' Marzu 2023, datata 27 ta' Marzu 2023;**

1. Illi r-rikorrenti qed titlob lil Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, skont provvediment tal-aritkolu 55 tal-Kap. 16 Ligijiet ta' Malta, u konsegwentament tali sentenza tigi notifikata lir-Registratur Registru Pubbliku u ghaldaqstant ir-regim matrimonjali applikabbli mid-data tas-sentenza ' l quddiem tkun dik tas-separazzjoni tal-assi.
2. Illi l-konvenut, mhux qed joggezzjona ghal dat-talbiet.

**DECIDE:**

Stante li ma hemmx opposizzjoni ghat-talba tar-rikorrenti:

Tilqa' t-talbiet.

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-parti u dan skont l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna illi s-sentenza hekk mgħotija tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan a dispożizzjoni tal-artikolu 55(5) tal-istess Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara illi l-reġim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Imhallef**
**Onor. Imhallef Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**